*Rivalsa ta' hlas lil terzi;*
*Artikolu 994, 1001 u 1064 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*Artikoli 45 u 66 tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' Ottubru, 2018**

**Numru 6**

**Rikors Numru 544/09TA**

**Mark Borg bil-karta tal-identita` numru 503274 (M)**

**vs**

**Dr. Renzo Porsella Flores LL.D. u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja, b'degriet tal-31 ta' Awissu, 2009 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Patrick George Phelan u lil-Phelan Company Limited u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghal kwalunkwe interess li jista' jkollu u b'digriet tas-7 ta' Novembru 2017 il-Qorti awtorizzat il-bidla ta' isem il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-Kumissarju tat-Taxxi**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Mahlufipprezentat fl-4 ta' Gunju 2009 mill-Attur Mark Borg u minnu mahluf li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

"1. Illi l-esponenti kien gie appuntat mill-intimat Patrick George Phelan bhala direttur u wkoll bhala azzjonist flimkien ma' Peter Formosa fis-socjeta` intimata Phelan Company Limited.

2. Illi din il-kumpanija kienet topera l-hwienet tax-xorb ‘Caffe Rouge’ fi Triq San Gorg Borg Olivier, San Giljan minn Jannar sa Gunju tas-sena 2000 u ‘The George Pub’ fi Triq it-Turisti, St. Paul’s Bay minn Mejju sa Gunju 2000.

3. Illi matul iz-zmien illi fih kienu qeghdin jigu operati l-imsemmija hwienet l-esponenti ma kien involut xejn fit-tmexxija ta’ dan in-negozju tant illi huwa kien sempliciment impjegat tal-istess kumpanija Phelan Company Limited tramite Patrick George Phelan u kien jithallas biss il-paga ghax-xoghol tieghu ta’ ‘waiter’ li huwa kien jaghmel fil-hanut ‘Caffe Rouge’ minghand l-istess Patrick George Phelan (skond formola tal-ETC hawn annessa u mmarkata Dok. MB01).

4. Illi wkoll matul dan iz-zmien kollu li fih damet topera s-socjeta` intimata Phelan Company Limited l-intimat Patrick George Phelan mhux biss kien jiehu d-decizjonijiet kollha rigwardanti t-tmexxija tal-kumpanija, inkluzi dawk koncernanti hlasijiet mill-kumpanija, imma wkoll l-istess intimat Phelan kien l-unika beneficarju tal-istess socjeta` intimata Phelan Company Limited.

5. Illi konsegwentement ghal dak hawn fuq espost l-esponenti u l-intimat Patrick George Phelan sottoskrivew ghal dikjarazzjoni li fiha jinghad espressament illi l-intimat Patrick George Phelan kellu jaghmel tajjeb bis-shih ghad-djun u wkoll ghall-pagamenti kollha dovuti lill-kredituri tas-socjeta` intimata Phelan Company Limited (skond dokument hawn anness u mmarkat Dok. MB02).

6. Illi proprju f’Gunju tas-sena 2000 l-esponenti ma baqax jahdem bhala ‘waiter’ f’’Cafe Rouge’.

7. Illi ftit wara illi huwa ma baqax jahdem bhala ‘waiter’ kif hawn fuq imfisser l-esponenti sar jaf illi l-intimat Patrick George Phelan harab mill-gzejjer Maltin u sal-lum il-gurnata ma jafx fejn l-istess intimat Patrick George Phelan jinsab.

8. Illi sussegwentement l-esponenti beda jircievi ghadd ta’ interpellazzjonijiet ghall-hlas ta’ ammonti dovuti mis-socjeta` intimata Phelan Company Limited fosthom minghand il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

9. Illi fic-cirkostanzi l-esponenti ghandu dritt li jitlob illi jigi indennizzat ghal kwalunkwe pagament li sar jew li ser isir minnu lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fir-rigward ta’ ammonti dovuti mill-istess intimati Patrick George Phelan u Phelan Company Limited jew min minnhom li ghalihom, gie rez personalment responsabbli l-istess esponenti.

Ghaldaqstant jghidu l-intimati il-ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni ohra li jidhrilha xierqa:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati Patrick George Phelan u Phelan Company Limited solidalment bejniethom jew min minnhom huma responsabbli sabiex jindennizzaw lill-esponenti ghall-kwalunkwe pagament li sar jew li ser isir minnu lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fir-rigward ta' ammonti dovuti mill-istess intimati Patrick George Phelan u Phelan Company Limited jew min minhom;

2. Tillikwida, okkorrendo bil-ghajnuna ta' perit nominandi, tali ammonti li huma dovuti mill-intimati Patrick George Phelan u Phelan Company Limited jew min minnhom lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

3. Tikkundanna lill-intimati Patrick George Phelan u Phelan Company Limited jew min minnhom esponenti sabiex ihallsu lill-esponenti kwalunkwe ammont li gie jew li ser jigi mhallas mill-esponenti lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni fir-rigward ta' ammonti dovuti mill-istess intimat jew min minnhom.

4. Tiddikjara illi l-esponenti m'huwiex aktar tenut illi jaghmel tajjeb personalment ghal ammonti dovuti mill-intimati Patrick George Phelan u Phelan Company Limited jew min minnhom.

Bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom illi huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni, dan minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe drittijiet ulterjuri li l-esponenti ghandu jew jista' jkollu fil-konfront tal-istess intimati."

Rat ir-risposti guramentati tal-Konvenuti kollha li permezz taghha kull wiehed minnhom wiegeb u eccepixxa dan li gej:-

Kwantu ghall-Konvenuti kuraturi, Dottor Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja fl-interess tal-Konvenut assenti George Phelan u s-socjeta` kummercjali Phelan Company Limited dawn eccipew:-

"Illi filwaqt li huma ma jafux bil-fatti li wasslu ghall-kawza – u hekk kif l-attur jghaddilhom kull taghrif li ghandu l-aktar l-indirizz biex jippruvaw jaqbdu ma' Patrick Phelan li ghalih inhatru biex jidhru – jidher li t-talbiet attrici ma jistghux iriegu billi

a) l-attur m'ghandux ghalfejn jadixxi lill-Qorti ghal xi rimedju billi kien haseb bil-quddiem ghall-eventwalita` li jidher li sehhet ie li fil-kaz li George Phelan jahrab mir-responsabbiltajiet tieghu t-tmexxija tal-Cafe` Rouge tghaddi f'idejh (dan skont id-Dok AB 2);

b) ma tistax issir dikjarazzjoni dwar hlasijiet futuri li ghad ikun mitlub jaghmel l-attur."

Kwantu ghall-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud eccepixxa:-

"It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra r-rikorrent ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Illi kif qed jinghad fil-premessa nnumerata bin-numru 1 fl-ewwel pagna tar-rikors tar-rikorrent, ir-rikorrent "*kien gie appuntat mill-intimat Patrick George Phelan direttur u wkoll bhala azzjonist flimkien ma' Peter Formosa fis-socjeta` intimata Phelan Company Limited*". Ghandu jigi sottolinejat li r-rikorrent jidher bhala l-ewwel direttur fil-*Memorandum and Articles of Association* tas-socjeta` Phelan Company Limited u ghadu direttur, *shareholder u judicial representative* sal-gurnata tal-lum;

2. Illi r-rikorrent, fis-7 ta' Jannar, 2000 kien iffirma l-formola ta' l-applikazzjoni sabiex il-kumpannija msemmija tigi rregistrata ghall-fini tat-Taxxa tal-Valur Mizjud u nizzel il-kariga tieghu bhala *managing director* (Dokument hawn anness u mmarkat DOKUMENT A). Di piu` r-rikorrent, fid-19 ta' Mejju, 2000 kien iffirma d-*deregistration form* ghall-fini tat-Taxxa tal-Valur Mizjud u wkoll nizzel il-karigu tieghu bhala direttur (Dokument hawn anness u mmarkat DOKUMENT B).

3. Illi, fit-tieni premessa nnumerata bin-numru 2 fl-ewwel pagna tar-rikors tieghu, r-rikorrent qed jallega li l-kumpannija Phelan Company Limited, "*kienet topera l-hwienet tax-xorb 'Caffe Rouge' fi Triq Borg Olivier, San Giljan minn Jannar sa Gunju tas-sena 2000 u 'The George Pub' fi Triq it-Turisti, St. Paul's Bay minn Mejju sa Gunju 2000*." Din l-allegazzjoni tikkuntrasta u hija konfliggenti mal-*formula tal-ETC*(Dokument anness mar-rikors tar-rikorrent stess u mmarkat AB1) fejn hemm imnizzel li l-istess rikorrent kien impjegat bhala *waiter full-time* bejn l-1 ta' Gunju, 2000 u l-25 ta' Lulju, 2001. Ir-rikorrent kellu jkun konsapevoli li l-operat kien waqaf, dan in vista wkoll li huwa

stess kien iffirma d-*deregistration form* ghall-waqfien ta' l-operat ta' l-istabbiliment!;

4. Illi fit-tielet premessa nnumerata bin-numru 3 fit-tieni pagna tar-rikors tar-rikorrent jinghad illi huwa ma kien involut xejn fit-tmexxija tan-negozju u li kien sempliciment impjegat bhala *waiter* fejn kien jithallas biss ghal dan ix-xoghol. Dan huwa boghod mill-verita`. Id-dokument ta' l-ETC esebit mir-rikorrent stess u mmarkat bhala AB1 juri bic-car li dan ma setghax ikun minnu, ghaliex dan id-dokument juri li r-rikorrent beda jahdem bhala waiter ma' Phelan Company Limited f'Gunju 2000, u dam sal-25 ta' Lulju, 2001 u dan meta r-rikorrent kien jaf illi l-istess operat tas-socjeta` kien waqaf f'Gunju tas-sena 2000. Tant hu hekk, li anke l-istess rikorrent, fil-premessa nnumerata bin-numru sitta f'pagna 2 tar-rikors tieghu, jafferma illi "*proprju f'Gunju tas-sena 2000 l-esponenti ma baqax jahdem bhala 'waiter' f''Cafe Rouge'.*" Dan kollu juri li r-rikorrent, barra l-inkonsistenzi fl-affermazzjonijiet tieghu, hu qed jaghmel xejn ghajr jipprova jaghti l-impressjoni li huwa kien involut biss bhala waiter f'tentattiv fjakk biex jittanta jinnega r-responsabbiltajiet li huwa kellu u sabiex jipprova jezenta ruhu mill-obbligazzjonijiet li dawn igibu maghhom;

5. Illi di piu`, qed jinghad fir-raba' premessa nnumerata bin-numru 4 fit-tieni pagna tar-rikors tar-rikorrent li fiz-zmien kollu li damet topera s-socjeta`, l-intimat Patrick George Phelan, "*kien jiehu d-decizjonijiet kollha rigwardanti t-tmexxija tal-kumpanija*". Dan mhuwiex minnu ghaliex proprju fid-29 ta' Jannar, 2000 (tlett gimghat wara d-data tar-registrazzjoni ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud), sar-*spot check inspection* fejn l-intimat Patrick George Phelan ma kienx prezenti, filwaqt li kien hemm biss ir-rikorrent u gie mnizzel fir-rapport ta' l-ispettur koncernat bhala *Managing Director* (Ara r-rapport intitolat VAT *Spot-Check Inspection* hawn anness u mmarkat DOKUMENT C).

6. Illi dwar il-hames premessa nnumerata bin-numru 5 fit-tieni pagna tar-rikors tar-rikorrent qed issir riferenza ghall-parti minn dikjarazzjoni li r-rikorrent u l-intimat Patrick George Phelan issottoskrivew ghaliha allegatament fil-11 ta' Jannar, 2000 u fejn jinghad li *Patrick George Phelan kellu jaghmel tajjeb bis-shih ghad-djun u wkoll ghall-pagamenti kollha dovuti lill-kredituri tan-negozju ta' Cafe` Rouge*. Izda konvenjentement ir-rikorrent jaghzel li ma jikkwotax li l-istess dikjarazzjoni taghlaq billi tghid illi galadarba ma jigix rispettat dan il-ftehim ghal kwalunkwe cirkustanza jew incidenza, l-operat ta' Cafe` Rouge jaqa' kollu

f'idejn ir-rikorrent!! (Ara dokument anness mar-rikors tar-rikorrent u mmarkat AB2)

7. Illi, dwar is-seba' premessa nnumerata bin-numru 7 fit-tieni pagna tar-rikors tar-rikorrent fejn qed jinghad li hu sar jaf li l-intimat George Phelan harab u ghalhekk dan ta' l-ahhar ma setghax jaghmel tajjeb bis-shih ghad-djun u wkoll ghall-pagamenti dovuti lill-kredituri tas-socjeta`, jinghad illi din ic-cirkustanza jew incidenza ghalhekk twassal sabiex id-dikjarazzjoni msemmija fl-ahhar tlett linji tal-paragrafu precedenti tar-risposta odjerna tidhol fis-sehh – ergo r-responsabbilta` ta' l-operat taqa' f'idejn ir-rikorrent, liema rikorrent kien ben konsapevoli ta' dan;

8. Illi dwar il-premessi mmarkati numru 6 u 7 fit-tieni pagna tar-rikors tieghu, r-rikorrent jallega illi huwa *sal-lum il-gurnata ma jafx fejn Patrick George Phelan jinsab*. Hawnhekk, ir-rikorrent qed jaghmnel riferenza ghall-perjodu ta' wara Gunju tas-sena 2000. Din l-istqarrija hija xi ftit jew wisq konfliggenti mal-fatt li l-istess rikorrent ikkonsenja r-rizenja ta' Patrick George Phelan li giet datata t-22 ta' Settembru 2000 u li giet rregistrata mar-Registru tal-Kumpanniji fit-28 ta' Frar 2001(Form K) (Ara dokumdent hawn anness u mmarkat DOKUMENT D).

9. Illi dwar ir-raba talba mmarkata bin-numru 4 fit-tielet pagna tar-rikors tieghu, irid jinghad illi bhala direttur ir-rikorrent huwa rapprezentant tas-socjeta` ntimata u ghandu r-responsabbilta` li jhallas l-ammont dovut lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema somma tammonta ghall-erbgha u erbghin elf, mija u tnejn u disghin Euro u tmien centezmi (Euro 44,192.08), inkluz penali u nteressi ghall-perjodu ta' bejn 1 ta' Jannar, 2000 u l-31 ta' Mejju 2000.

   Illi, ghalhekk l-imsemmija responsabbilita` ta' hlas ma tistghax titnehha minn fuq spallejn ir-rikorrent u dan anke ghaliex l-istess rikorrent ghadu direttur, *shareholder u judicial representative* tas-socjeta` Phelan Company Limited sal-gurnata tal-lum u skond l-Art. 66 (5) tal-Kap. 406, bhala rapprezentant ta' l-istess socjeta` ghandu *responsabbilta` solidali mal-persuna li jkun qieghed jirrapprezenta ghat-taxxxa dovuta minn dik il-persuna* ...

10. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi;

Ir-rikorrent huwa ngunt minn issa stess ghas-subizzjoni."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda li gew imressqin mill-partijiet;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Lulju, 2017 fejn il-kawza kienet thalliet ghas-sentenza;

Rat il-verbal tas-7 ta' Novembru 2017 fejn gie korrett l-okkju tal-Kawza ;

Semghet ix-xhieda tal-Attur fis-seduta tas-7 ta' Novembru, 2017;

Rat li fil-mori tad-differimenti tal-Kawza kif presjeduta l-ammonti dovuti lill-Konvenut Kummissarju thallsu kollha kif ser jinghad aktar 'l isfel;

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Settembru 2018 fejn il-Kawza thalliet ghal-lum ghas-Sentenza.

**<u>Il-punti ta' fatti bejn il-partijiet</u>**

**1.** Il-fatti li waslu ghall-kawza li ghandha quddiemha l-Qorti huma semplici hafna.

**2.** Kif jirrizulta, kemm mill-premessi tar-rikors promotur tal-Attur, mill-istess affidavit tieghu a` fol 30 tal-atti u minn atti ohra tal-kawza, giet kostitwita kumpanija kummercjali bl-isem ta' Phelan Company Ltd presumibilment fis-sena 2000 li l-*Memorandum and Articles of Association* taghha qatt ma gew esebiti. F'din il-kumpanija l-Attur gie indikat bhala socju u kif ukoll mahtur bhala Direttur. Socju iehor kien Peter Formosa, *accountant* u li jidher li kien il-persuna li ha hsieb kollox.

**3.** Bhala fatt, mill-atti ma jrrizultax x'kien l-ammont ta' ishma f'isem l-Attur. Jirrizulta ukoll, li ghalkemm l-Attur kien indikat kemm bhala azzjonist u Direttur tal-kumpanija kummercjali Konvenuta, il-beneficjarju veru taghha kien il-Konvenut Patrick George Phelan tant li s-socjeta` ghandha kunjomu. Kien hu li nnegozja mas-sidien biex jikri s-siti kummercjali minn fejn kellha topera din il-kumpanija. Gie wkoll indikat bhala l-operatur ewlieni u rejali minn Peter Formosa fix-xhieda tieghu a` fol 65.

**4.** Fatt importanti hija dik li qed tissejjah bhala dikjarazzjoni datat 11 ta' Jannar 2000 (a` fol 8 markata Dok AB2) maghmula mill-Konvenut Patrick George Phelan favur l-Attur. Din kienet intiza biex isserrah mohh l-Attur li l-imsemmi Patrick George Phelan kien ser jaghmel tajjeb ghad-djun kollha tal-kumpanija Konvenuta. Indikazzjoni cara aktar minn hekk li dan ser ikun il-beneficjarju rejali ma jistax ikun hemm.

**5.** Wara ftit taz-zmien l-imsemmi Patrick George Phelan harab u halla lill-Attur qua ufficjal tal-kumpanija jissielet mad-djun kollha li ghamlet il-kumpanija ma' terzi fosthom il-Konvenut Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Kellu jkun il-kont massif li ircieva biex ihallas personalment minghand il-Konvenut Kummissarju tat-taxxa fuq il-valur Mizjud, li spinga lill-istess Attur jaghmel il-kawza tal-lum.

**6.** Fil-mori tas-smiegh, qabel il-Kawza thalliet ghas-Sentenza kull ammont li kien dovut lill-Konvenut Kummissarju tal-Artijiet gie pjenament issaldat (ara a` fol 151), salv ghal dak li ser jinghad aktar 'l isfel dwar dan il-hlas fil-mori tal-Kawza.

**<u>Punti ta' Ligi</u>**

**7.** L-ewwel ma jrid ikun ikkunsidrat huwa l-effetti li ghandha d-dikjarazzjoni ossia ftehim fuq imsemmi bejn l-Attur u l-Konvenut Patrick George Phelan. L-azzjoni esperita mill-Attur hija principalment kostruwita fuqha.

**8.** L-ewwel effett hu dak li din l-iskrittura tivvinkola lill-Konvenut personalment biss a favur tal-Attur. Ghalkemm l-oggett tal-iskrittura huma d-djun tal-kumpanija Konvenuta, din ma kienitx parti ghal din l-iskrittura. Dan qieghed jinghad fid-dawl li l-kawza odjerna giet prezentata ukoll kontriha. Din l-osservazzjoni hija pero` soggetta ghal dak li ser jinghad aktar 'l isfel. Din l-iskrittura lanqas ma teffetwa jew timmodifika

kull relazzjoni guridika l-Attur jista' ghandu ma' terzi li kienu estraneji ghaliha, bhala ma fost ohrajn huwa l-Konvenut Kummissarju Tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (ara **artikolu 1001 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**).

**9.** Effett iehor jirrigwardja r-rimedju li seta' jitlob l-Attur fil-kawza, jekk hux unikament dak miftiehem bejn il-partijiet fid-dikjarazzjoni fuq imsemmija jew setax jittenta l-azzjoni li ghandha quddiemha l-Qorti llum?

**10.** Ghalhekk qamet il-kwistjoni ta' jekk l-uniku rimedju li kellu l-Attur kienx biss u unikament dak pattwit fl-iskrittura fuq imsemmija. Il-Konvenuti kuraturi jinsistu fuq dan fir-risposta taghhom a` fol 41 tal-process abbazi tal-principju *pacta sunt servanda* u kif wara kollox jistipula l-**artikolu 992 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**11.** Din il-Qorti tibda biex tghid li taqbel mal-insenjament kif enuncjat fis-sentenza **Fortunato Petroni-vs-Carmelo Petroni tat-13 ta' Frar, 1952 per Imhallef William Harding**, liema sentenza giet iccitata fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-abbli difensur tal-Attur. Apparti dan, l-ahhar paragrafu tal-iskrittura jammonta ghall-kundizzjoni sospensiva u huwa rilevanti li ssir referenza ghall-**artikolu 1064(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jistipula dan li gej:

> "1064. Meta l-obbligazzjoni ssir taħt kondizzjoni suspensiva, u l-ħaġa li tkun l-oġġett tal-konvenzjoni tispiċċa jew titgħarraq qabel ma sseħħ il-kondizzjoni, għandhom jitħarsu dawn ir-regoli:

(*b*) jekk il-ħaġa tispiċċa għal kollox, bi ħtija tad-debitur,dan ikun obbligat lejn il-kreditur għad-danni;"

**12.** Ma hemm ebda dubbju, li wara li l-Konvenut Patrick George Phelan ghabba lill-kumpanija Konvenuta b'kull dejn immaginabbli u di piu` b'ammonti pesanti bhal dawk tal-Konvenut Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, l-oggett li suppost kellu jiehu f'idejh l-Konvenut, mhux biss kien irvinat izda addirittura meqrud. Il-kumpanija, li kienet tmexxi l-Cafe` Rouge hija tossika. Apparti dan, jidher li s-sidien hadu lura il-pussess ta' dan il-Cafe` wara li hallsu l-kontijiet tad-dawl u ilma li kien hemm pendenti. L-attivita` ta' hanut ossia Cafe`, kien l-uniku proprjeta` ta' valur li jidher li kellha l-kumpanija Konvenuta. Ifisser, li dak li kellu jkun ir-rimedju spicca annullat u gie fix-xejn.

**13.** Il-Qorti hasbet fit-tul dwar iz-zewg deposizzjonijiet principali f'din il-kawza u cioe` dik tal-Attur u l-ohra ta' Peter Formosa. Huwa minnu li l-Attur kemm fl-atti u anke fix-xhieda tieghu jimmanifesta doza ta' inkonsistenzi. Huwa minnu ukoll li fix-xhieda tieghu kien vag u anke konfuz aktar milli evasiv. Il-Qorti temmen li dan kien frott tal-fatt li l-Attur ma hux familjari mal-mod kif ghandu jkun gestit negozju. Di piu` din il-Qorti fil-kuxjenza thoss, li l-Attur kien tassew vittma tal-mod kif saru l-affarijiet minn ohrajn. Fil-fatt minn imkien ma rrizulta li l-Attur irrikava xi beneficcju minn din is-sitwazzjoni ghajr ghas-salarju li kien jircievi.

**14.** Din il-Qorti thoss li l-Konvenut kien pjuttost *naive* . Kien jaghmel kull ma jghidulu minghajr ma kien jaf ezattament x'setghu kienu l-

konsegwenzi. Kull dokument li kienu jitfghulu quddiemu kien jiffirmah. Passagg li jitfa' dawl fuq il-*modus operandi* ta' kif kienu jsiru l-affarijiet hija x-xhieda tieghu tat-3 ta' Frar 2010 a` fol 50 tal-process, meta in kontro ezami qal:

> "Ha nkun sincier mieghek, iffirmajt x'iffirmajt ma nafx: ha inkun *straight*. Ghax jiena biex immexxi post bil-flixken, bil-platti u bl-affarijiet hekk *all right* kemm trid , imbaghad kif jidhlu ghal karti u affarijiet hekk ma nafx ".

**15.** Kwantu ghax-xhieda tal-Accountant Peter Formosa, li x'aktarx mix-xhieda kollha prodotti seta' kien l-aktar wiehed li jitfa' dawl fuq kif tmexxew l-affarijiet, jghid biss haga wahda li ghandha valur ghall-Attur: li Patrick George Phelan kien l-operatur rejali u l-beneficcjarju uniku tal-kumpanija. Fatt li jikkorrabora l-verzjoni tal-Attur u kif ukoll dak li assuma l-istess Phelan personalment fl-iskrittura fuq imsemmija. Fil-parti kbira tax-xhieda tieghu, Peter Formosa kien effett minn amnesija inspjegabbli.

**16.** Izda, huwa minnu li l-validita` tal-iskrittura qatt ma giet attakkata u f'materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti (**Art. 992 (1) Kodici Civili**; **Carmelo Bajada noe. vs. Fr. S. Cachia et. noe. (A.K. deciz fis-16 ta' Lulju, 1973)**. L-Attur kellu ukoll ragun li jesperita l-azzjoni odjerna kontra Patrick George Phelan personalment ghaliex skont l-iskrittura fuq imsemmija huwa dan li ghandu jkun tenut jikkompensa lill-Attur ghall-flejjes kollha li jkun kostrett ihallas lil terzi sa fejn il-ligi tirrendi lill-istess Attur personalment responsabbli ghall-hlas ta' djun

ciononostante jkun agixxa ghan-nom tal-kumpanija Konvenuta. Tajjeb li jinghad li mhux id-djun kollha tal-kumpanija huma dovuti mid-Diretturi jew ufficcjali tal-kumpanija personalment hlief f'dawk l-istanzi specifici li ssemmi l-ligi, bhal ma huwa fil-kaz tal-**Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**17.** Izda l-Qorti taqbel ukoll mal-paragrafu (a) tar-risposta tal-Konvenuti kuraturi (a` fol 41) fis-sens li din il-Qorti ma tistax tippresta ruhha biex isiru dikjarazzjonijiet dwar hlasijiet futuri, anke jekk mitluba u sakemm ma jkunux imhallsin. Kundanni ta' hlas isiru biss fil-kaz ta' hlasijiet li jkunu saru u mhux li ghandhom isiru jew jistghu jintalbu. Din l-affermazzjoni trid tinzamm ghal kollox distinta mid-dikjarazzjoni ta' min hu dovut jirrimborsa dawk il-hlasijiet lil min ikun ghamilhom, meta jkunu rejalment saru. Izda f'dan ir-rigward, irid jinghad, li sakemm giet biex tkun deciza din il-Kawza, l-ammonti dovuti lill-Kummissarju Konvenut lahqu saru rejalment. Di fatti dan il-fatt ser jittiehed inkonsiderazzjoni kif ser jinghad aktar 'l isfel.

**18.** Kif intqal aktar 'l fuq, sakemm din il-kawza waslet ghad-decizjoni, l-ammonti kollha lahqu thallsu lill-Konvenut Kummissarju. Dan ifisser, li tajjeb jew hazin, anke is-Socjeta' Konvenuta giet li bbenefikat. Jirrisulta ukoll, li ghalkemm dawn il-hlasijiet saru minn terza persuna, f'dan il-kaz minn oht l-Attur, kif jemergi mix-xhieda tal-Attur (a` fol 158), dawn l-ammonti qed jithallsu lura mill-istess Attur personalment lilha.

Dan qieghed jinghad, minkejja li skont dokumenti rilaxxjati mid-Dipartiment tal-Vat (a` fol 199 u 160) ufficjalment jidher li l-hlas sar mis-Socjeta` Konvenuta. Dan ifisser, li indipendentement mill-iskrittura fuq imsemmija, apparti r-responsabbilta` personali ta' Patrick George Phelan, is-Socjeta` Konvenuta giet li arrikiet lilha nnifisha ingustament a` spejjez tal-Attur jekk mhux ukoll ta' ohtu.

**19.** Ghalhekk bhal meta fl-invers, dawn il-Qrati hassew li ghandhom jghollu l-mantell tar-responsabbilita` limitata ("lifting of the veil") u jikkolpixxu personalment lid-Diretturi ta' Socjeta` meta dawn jagixxu bi frodi ta' terzi, fic-cirkostanzi, din il-Qorti thoss li ma hemm xejn xi jzommha li similment tghabbi lis-Socjeta` Konvenuta bir-responsabbilta` di fronte tal-Attur, fid-dawl tac-cirkostanzi u indipendentement l-iskrittura fuq imsemmija. Is-Socjeta` Konvenuta ma tistax tippretendi li tahrab mir-responsabilitajiet taghha di fronte tal-Attur, billi tinheba wara l-iskrittura fuq imsemmija.

Izda jrid jinghad li kwantu jirrigwarda l-hlas, jirrizulta ukoll mix-xhieda tal-Attur, li sas-7 ta' Novembru 2017 lahaq hallas lil ohtu s-somma ta' circa tnax-il elf ewro (€12,000) (a` fol 158). Jemergi wkoll li l-Attur iddikjara li kien ser ikollu jibqa' jhallas lil ohtu l-bqija tas-somma (tergo a` fol 175). Izda kif inghad aktar 'l fuq, il-Qorti ma tistax tipprovdi ghall-hlas li ghadu ma sarx, sa fejn jrrigwarda t-talba ghall-hlasijiet. Tista' tiehu konjizzjoni

biss ta' dak **li jkun thallas**. Dan il-fattur ghalhekk ser jittiehed in konsiderazzjoni sa fejn jirrigwarda l-kundanna ta' hlas.

**20.** Fil-kors tal-kawza l-Attur zviluppa argument iehor fis-sens, li abbazi tal-artikolu 66(5) tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta jigi dikjarat li l-Attur ma jibqax tenut li jhallas l-ammonti li qieghed jintalab li jhallas mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghaliex "agixxa in kompleta buonafede" (ara fol 38 tal-process). Dan l-argument ma jirrikorriex f'ebda parti tar-rikors promotur. Tajjeb li li jinghad li fir-rikors guramentat ma hemm ebda kawzali jew aggravju f'dan is-sens jew intiz li jikkolpixxi direttament lill-Konvenut Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Fil-premessi ma hux jattakka lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud izda qieghed jippretendi li dak li ser ihallas lil tal-ahhar, ikollu dritt li jigbru minghand il-Konvenuti l-ohrajn. Kwantu ghar-raba' talba, din ma ssib ebda rifless fil-kawzali tar-rikors promotur kif inghad u li hi pjuttost vaga.

**21.** Il-kawzali huma kostruwiti unikament fuq lament li jirrigwarda biss lill-Konvenuti Patrick George Phelan u lis-Socjeta` Konvenuta. Johrog car mid-disgha kawzali tar-rikors promotur x'qieghed jitlob u minghand min qieghed jitolbu. It-talbiet ghandhom isegwu l-oggett u r-raguni ghat-talba. Dan ma jidhirx li huwa l-kaz li ghandha quddiemha din il-Qorti.

**22.** F'dan ir-rigward qed issir referenza ghas-sentenza **Fortunato Petroni vs Carmelo Petroni tat-13 ta' Frar, 1952 per Imhallef William Harding**: "Hu ritwalment rikjest bl-Artikolu 156 (1) tal-Kodici ta'

Organizazzjoni u Procedura Civili illi l-oggett u r-raguni tat-talba fic-citazzjoni ghandhom ikunu mfissra car u sewwa u in linea ta' principju dawn ma jistghux jigu mibdula jew aggunti. Tant li jinsab enuncjat f'bosta sentenzi illi l-Qorti ghandha toqghod ghat-talba kif tkun giet imfissra fl-att tac-citazzjoni, u ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, imma li ma jkunx jidhol sewwa fit-talba kif imfissra fl-att tac-citazzjoni". (**Kollez Vol XXXIX pI p243)**; **Carmelo Bajada noe vs Fr. S. Cachia et. noe. (A.K. deciz fis-16 ta' Lulju, 1973)**. (Ara ukoll sentenza tal-**Qorti tal-Appell Inferjuri per Imhallef Philip Sciberras deciza fl-20 ta' Ottubru, 2004, Appell Numru. 2399/1997 fl-ismijiet Design Elements Limited vs Michael P. Camilleri f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom tad-ditta Camilleri Bros.**)

**23.** Illi l-insenjament appena citat hu konformi ukoll mal-principju *electa una via non datur recursus ad alteram*. Minn ezami tar-rikors promotur, kemm tal-premessi u talbiet, ma jirrizultax li l-Attur qieghed jadixxi lil din il-Qorti biex jikseb dikjarazzjoni li abbazi tal-artiklu 66(5) tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta di fronte tal-Konvenut Kummissarju. Li kieku din il-Qorti kellha takkolji dan l-argument tkun qeghdha wkoll tidhol fit-trappola tal-gudizzju kontradittorju ghaliex skont din il-Qorti r-raba' talba ma hiex kompatibbli mal-ewwel talba. L-Attur ma jistax icaqlaq il-plieri legali biex jirbah zgur.

Di piu` sa fejn jirrigwarda l-Kummissarju tat-Taxxi, ghamel sewwa l-Attur li harrku ghal kull interess li jista' jkollu, izda fic-cirkostanzi mhux hu li ghandu jwiegeb ghall-ilmenti tal-Attur.

**24.** Izda *dato ma non concesso* li l-azzjoni qed tkun ezercitata kontra l-Konvenut Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, xorta kien ser ikun hemm ostakolu legali fis-sens, li l-Attur ma jistax jitlob dak li qieghed jippretendi fil-konfront tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud qabel ma jezawrixxi jew jimxi skont ir-rimedji li kellu taht l-Att imsemmi li kienu jesistu qabel l-introduzzjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva kif introdott bl-Avviz Legali 89 tal-2012.

**25.** Kwantu ghar-raba' talba, din ma hiex ikkonsentita mil-ligi, in kwantu tirrigwarda l-interessi tat-terzi. Jekk l-Attur ghandux jaghmel tajjeb ghall-ammonti ohrajn, mhux mertu ta' din il-kawza, ma hux kompitu in materja ta' din il-Qorti li tippronunzja ruhha dwarhom. Fil-kaz ta' Socjetajiet Kummercjali, din il-materja hija regolata b'ligi specjali u cioe` mill-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta. Kwantu ghall-Konvenut George Patrick Phelan, din hija kwistjoni li tohrog mix-xorta ta' relazzjoni legali li kellhom bejniethom fil-kors tal-gestjoni tal-Cafe` in kwistjoni fil-konfront ta' terzi. Ghalhekk, il-Qorti taghmilha cara, li fir-rigward tar-raba' talba mhux ser tiehu konjizzjoni taghha.

## Decide

Ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tilqa’** l-eccezzjoni tal-Konvenut Kummissarju tat-Taxxi u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

**Tilqa' l-ewwel talba** Attrici.

**Tilqa’ t-tieni talba** Attrici, pero` bil-mod li ser jinghad: fid-dawl ta’ dak li intqal aktar ‘l fuq, tillikwida l-ammont dovut mill-Konvenuti Patrick George Phelan u Phelan Company Limited solidalment bejniethom u li ghalhekk ghandu jkun rifuz lill-Attur, fl-ammont ta’ tnax-il elf ewro (€12,000), minghajr ebda pregudizzju ghad-dritt tal-Attur li jitlob il-hlas ta’ kull sommom ohra li talvolta jistghu ikunu dovuti lilu minghand l-imsemmija Konvenuti.

**Tilqa’ ghalhekk it-tielet talba** Attrici u tikkundanna lill-Konvenuti Patrick George Phelan u Phelan Company Limited solidalment bejniethom ihallsu lill-Attur is-somma hekk likwidata bl-imghaxijiet legali mill-4 ta’ Gunju 2009 sal-pagament effettiv;

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba’ talba Attrici** ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

B'riserva ghal kull azzjoni ohra li talvolta jista' ghandu l-Attur kontra kull wiehed mill-Konvenuti Patrick George Phelan u Phelan Company Limited.

**Spejjes kollha tal-kawza** jithallsu mill-Konvenuti Patrick George Phelan personalment u s-Socjeta` Konvenuta solidalment bejniethom.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**